MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 72

It-Tnejn, 7 ta' Awwissu, 2017

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku

ASSENTI

Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

72.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Jonathan Brimmer u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

72.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 71 (wieħed u sebgħin) li saret fis-10 ta' Lulju, 2017 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

### Korrezzjonijiet

Xejn

## 72.2.2 Punti mqajma mill-minuti

72.2.2.1 Minuta 71.2.2.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-*Method Statement* tal-Proġett taż-Żgħażagħ wasal u l-applikazzjoni ntbagħtet lill-*Planning Authority.* Issa qed nistennew l-approvazzjoni mill-*Planning Authority* sabiex ikun jista' jiskatta x-xogħol.

72.2.2.2 Minuta 71.2.2.2 – Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn nixtru l-*Office* għall-kompjuter. Inġiebu tlett kwotazzjonijiet mingħand il-Klikk (€155) , Scan (€155) u kwotazzjoni oħra mingħand Intercomp (€159). Il-membri unanimament qablu li jinxtara mingħand Scan jew Klikk in vista li jġorru l-istess prezz.

72.2.2.3 Minuta 71.3.1 – Is-Sindku talab lill-membru tal-Kunsill Jason Mangani u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sa Jane Yvonne Spiteri biex jikkordinaw dwar l-program tal-attivita' tal-Queen's Baton. Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet inkarigata li tattendi għal-laqgħa li organizza il-*Maltese Olympic Committee* fil-21 ta' Awwissu, 2017 persess li s-Sur Jason Mangani ma setax jattendi.

72.2.2.4 Minuta 71.3.2 – Is-Sindku informa lill-membri li l-kas tal-GO instema' fil-Qorti u ġie diferit għall-21 ta' Awwissu, 2017. Skont l-aħħar żviluppi, jidher li l-GO ser jaċċettaw li eventwalment jagħmlu x-xogħol bil-kuntrattur tal-Kunsill *Central Asphalt Ltd* u b'hekk ma tintilifx il-garanzija tat-triq skont il-maintenance agreement li għandna. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

72.2.2.5 Minuta 71.3.4 – Is-Sindku informa lill-membri li l-proposta tagħna li nirranġaw Triq il-Qalb Imqaddsa ġiet aċċettata mir-Reġjun Ċentru u aħna ser imissna s-somma ta' €11,111. Dan il-proġett irid jitlesta sat-30 ta' Novembru, 2017.

72.2.2.6 Minuta 71.3.8 – Is-Sindku informa lill-membri li l-kas tal-*Fire Station* issa jinsab quddiem il-Qorti.

72.2.2.7 Minuta 71.5.2 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Proġett tal-*Playing Field* issa skatta. L-*Urban Improvement Fund* qed jitolbu li jsir rapport mill-MCCAA, fejn il-Kunsill jintrabat li l-proġett ikun

konformi mas-*Safety Standards.* Dan ir-rapport ser jiswa madwar €425 u l-MCCAA qablu li dan il-ħlas isir wara li jitlesta l-proġett u li jkun ħareġ ir-rapport.

72.2.2.8

Ilment 401 – Inċemplu lir-resident biex nistaqsuh fejn qiegħed eżatt il-garaxx
Ilment 403 – Niċċekkjaw jekk hemmx permess ta' garaxx minghand il-Planning Authority
Ilment 406 – Kien hemm qbil li ssir U-Bar peress li qedgħa f'kantuniera.
Ilment 418 – Ix-xogħol irid jibqa kif inhu llum
Ilment 419 – Għadna qed nistennew gwida minn Transport Malta ta' kif ser nisvolġi bix-xogħol taż-żebgħa fi Triq Qormi.
Ilment 427 – Ilment rifjutat
Ilment 433 - Ix-xogħol ġie implimentat
Ilment 465 - Naqblu mar-rakkomandazzjoni tal-Contracts Manger
Quddiem Barbara Music Centre – il-*parking bay* tiċċaqlaq ftit 'l isfel u jitwalu aktar il-*yellow lines*.
Għal rigward ta' talba ta' double yellow lines fil-bidu ta' Triq Brighella fejn hemm il-garaxxijiet, kien hemm qbil li ssir applikazzjoni għalihom ma' Transport Malta.

## 72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

72.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li fuq il-pont ta' Triq Reġjonali iridu jerġgħu jsiru *U-Bars* baxxi in vista li xi vetturi qed jibqgħu deħlin jipparkjaw sa fuq il-bankina u ma jħallux post minfejn tgħaddi bil-pushchair jew b'wheelchair. Il-membri qablu unanimament li dan ix-xogħol jista' jsir permezz tal-ħaddiema assenjati.

72.3.2 Is-Sindku informa lill-Membri li huwa informa lill-pulizija li waqa' l-loġġ tal-ħadid li kellu l-bieb ta' Triq l-Imsida.

72.3.3 Is-Sindku informa lill-Membri li x-xogħol fi Triq il-Kanun beda. Flok it-*Traffic Island* ser issir *roundabout* biex ikun hemm *Traffic Management* aħjar u ser ikun hemm aktar post għall-*parking*. Il-Membri tal-Kunsill qablu li s-siġar tal-palm ser jitħawlu fi Triq il-Kanun u fi Pjazza Franka.

Fis-7.30 ta' filgħaxija wasal is-Sur Darren Carabott u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

72.3.4 Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn infurmawna li ser isiru sensiela ta' attivitajiet organizzati mill-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika. Dawn l-attivitajiet imsejħa *16 Days of Activism,* ser ikunu mmexxija mis-Sur Joe Gerada. Dawn l-attivitajiet se jsiru bejn l-24 ta' Novembru 2017 u l-10 ta' Diċembru 2017. Is-Sindku innomina lis-Sa Elizabeth Vella u lis-Sur Jason Mangani biex jikkordinaw l-attivita' edukattiva f'isem il-Kunsill.

## 72.4 *Rapporti/Korrispondenza*

72.4.1 Il-Fondazzjoni Nanniet Malta talbu sabiex flimkien mal-Kunsill Lokali ssir attivita konġunta sabiex tiġi mfakkar il-ftuħ uffiċċjali tal-uffiċċju tagħhom. Dan huwa ppjanat sabiex isir fit-23 ta' Settembru 2017 wara l-quddiesa tas-6.30pm. Kien hemm qbil unanimu sabiex inkunu parteċipi f'din l-attivita.

72.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u li anke ġiet iċċirkulata lill-Membri, fejn qed iniedu kampanja biex, fuq bażi volontarja, il-Membri tal-Kunsill titnaqqsilhom €2.33 kull xahar mill-onorarja tagħhom sabiex jingħataw lill-Malta Community Chest Fund. Min hu interessat jibgħat email uffiċjali lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikun jista' jsir dan it-tnaqqis.

72.4.3 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna email mingħand is-Sur Jeffrey Saliba li qed ifassal l-attivitajiet ta' Skolasajf u Klabb 3-16. Huwa wera x-xewqa li kif għamlu Kunsilli Lokali oħra, il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jgħin f'xi attività. Huwa ssuġerixxa jew Harbour Cruise u Double Decker Ride, jew inkella għoti ta' kotba waqt Talent Show li ser issir fil-bidu ta' Settembru. Il-Sindku ppropona li jingħataw bi €200 kotba. Il-Membri qablu unanimament.

## 72.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

72.5.1 Aġġudikazzjoni tat-Tender *'SERVICE TENDER FOR STREET SWEEPING AND CLEANING, CLEANING OF SOFT AREAS, GARDENS AND PLAYING FIELDS WITHIN ST VENERA IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDY MANNER'*

Is-Sindku informa lill-Membri li għal dan it-*Tender* kien hemm 9 (disa') kumpaniji li xeħtu t-*tender* tagħhom bis-sistema tal-EPPS.

Wieħed mit-*Tenders,* Sandro Caruana, kellu l-*Minimum Hourly Workers Cost* li ma kinitx maħduma u għaldaqstant ġie skwalifikat.

Tlett kumpaniji oħra, Dimbros, Owen Borg u Premier Business ħarġu *non-compliant* għax bil-prezzijiet li ssottomettew ħarġu bit-telf.

Il-kumpaniji li tefgħu t-*Tender* tagħhom bi 3 ħaddiema, bl-ispiża ta' dan il-kuntratt ser jiżdied b'madwar €100,000 fuq dak attwali.

Il-kumpaniji l-oħra li tefgħu t-*Tender* tagħhom huma:
- Progressive Solutions Ltd - €118,000 (80 siegħa)
- Premier Business Ltd - €181,896 (120 siegħa)
- Michael Grech G3B - €63,600 (40 siegħa)
- Alexander Fenech - €97,580 (60 siegħa)
- Elton John Zammit - €70,000 (43 siegħa)

Għaldaqstant, wara evalwazzjoni u diskussjoni, wara li tinħadem a' bażi ta' 40 siegħa, l-irħas offerta rriżultat li kienet dik ta' Progressive Solutions Ltd. F'dan l-istadju, is-Sindku ppropona li sakemm ma jkunx hemmx *Default Notices,* il-kumpanija Progressive Solutions Ltd ppreżentat l-aktar offerta vantaġġjuża. Is-Sa Elizabeth Vella ssekondat din il-proposta.

Il-membri qablu unanimament.

72.5.2 Expression of interest – Day Care Centre

Is-Sindku informa lill-membri li infetħet l-*Expression of Interest* tad-*Day Care Centre* iżda ħadd ma applika. Għaldaqstant, l-*Expression of Interest* trid terġa tinfetaħ mill-ġdid. Is-Sindku ppropona li din id-darba l-kuntratt isir għal tlett snin minflok għal ħames snin.

Il-membri qablu unanimament.

72.5.3 Car Free Day

Is-Sindku informa lill-membri li kien hemm kommunikazzjoni mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn infurmawna li ser terġa tiġi organizzata *National Car Free Day*. Is-Sindku ssuġġerixxa li nistaqsu lill-Ministeru tal-Ambjent biex jgħinuna norganniżżaw programm b'xi attivitajiet.

Il-membri qablu unanimament.

## 72.6 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

72.6.1 Ma ġewx ippreżentati rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitat.

## 72.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

72.7.1 L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 72.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 445 sa lment numru 476.

| | |
|---|---|
| 445 | Contracts Manager |
| 446 | Infurzar bil-Pulizija |
| 447 | Contracts Manager |
| 448 | Lesta mill-Ħaddiema Assejnati |
| 449 | Lesta mill-Ħaddiema Assenjati |
| 450 | Ħaddiema Assenjati |
| 451 | Niċċekkjaw mal-Green Pak jekk jistgħux iċaqilqu il-Bring in Sites |

| | |
|---|---|
| 452 | Transport Malta sabiex napplikaw għal permess ta' parkeġġ bejn 9am u nofsinhar |
| 453 | Ħaddiema Assenjati |
| 454 | Tinġieb Stima għal madwar 50 metru kwadru madum |
| 455 | Ħaddiema Assenjati |
| 456 | Ħaddiema Assenjati |
| 457 | Resident jipprovdi l-permess tal-garaxx |
| 458 | Ħaddiema Assenjati |
| 459 | Hemm il-ħsieb li tiġi rranġata t-triq kollha |
| 460 | Contracts Manager jiċċekka jekk tistax issir mal-ħajt privat minflok |
| 461 | Ħaddiema Assenjati – qbil sabiex isir fit-tarf ma Triq Qormi |
| 462 | Ħaddiema Assenjati – tiġi rranġata ukoll mela li hemm fi Triq Brighella kantuniera ma Triq Kardinal Sciberras |
| 463 | Mhux Possibbli |
| 464 | Ħaddiema Assenjati |
| 465 | Nimxu mar-rakkomandazzjoni tal-Contracts Manager |
| 466 | Transport Malta |
| 467 | B. Grima & Sons |
| 468 | Ħaddiema Assenjati |
| 469 | Ħaddiema Assenjati |
| 470 | Ħaddiema Assenjati |
| 471 | B. Grima & Sons |
| 472 | Ilment irrifjutat |
| 473 | Resident jrid jipprovdi l-permess tal-garaxx |
| 474 | Ħaddiema Assenjati |
| 475 | Contracts Manager |
| 476 | Issir "Give Way" – B'Grima & Sons |

## 71.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9.45 pm u ġiet aġġornata għat-11 ta' Settembru, 2017, fis-6.30pm. Il-Laqgħa damet aktar milli tippermetti l-liġi, iżda peress li kien qed jiġi diskuss l-aħħar *item* u l-membri ma sabu l-ebda oġġezzjoni, il-laqgħa kompliet sakemm intemmet fid-9.45 pm.

Konfermati, illum 11 ta' Settembru, 2017

IFFIRMATA

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATA

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv